**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anthony Cachia)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Joseph Borg**

Kump Nru: 927/2011

Illum 9 ta' April 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Joseph Borg ta' 21 sena, bin Carmelo u Mary Borg nee' Attard, imwieled Pieta` fit-13 ta' Marzu 1990 u residenti gewwa 96, Triq ta' Brija, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 143590(M) akkuzat talli:

1. Nhar il-5 t'Awwissu 2011 ghall-hin ta' bejn id-9pm u 10pm, fi Triq Luret Cutajar, Zebbug bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' omicidju volontarju u billi wera dan l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta' daqqa ta' invell fuq persuna ta' Antoine Saliba, liema omicidju ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta ta' Joseph Borg;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkaguna ferita ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Antoine Saliba, skont kif iccertifikat Dr Maria Galea MD med reg no: 5290 mill-Isptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

4. Aktar talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' fuq vetturi tal-ghamla *Ford Escort* bin-numru ta' registrazzjoni IAD-434 liema hsara tammonta ghall 356.36 Ewro u fuq il-vettura ta' l-ghamla *Isuzu* b'numru ta' registrazzjoni FAB-726 liema hsara tammonta ghal 236.16 Ewro ghad-detriment ta' Antonio Saliba u Carmel Saliba rispettivament.

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu munizzjon (*pepper spray*) projbit kif imsemmi fi skeda 1 tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Artikolu 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta` ta' Antoine Saliba

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permez taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. Fl-artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fir-regolament 3, 4, 11 u Skeda I tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-prosekuzzjoni strahet fuq il-povi prodotti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi originarjament l-imputat kien akkuzat b'attentat ta' qtil izda fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju mibghutha mill-Avukat Generali tali imputazzjoni giet skartata u ghaldaqstant din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni.

Illi dak iz-zmien l-Ispettur Anthony Cachia[1] xehed li fil-5 ta' Awwissu ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija gie infurmat mis-Surgent 274 James Turner li kien hemm glieda gewwa Triq Loreto Cutajar, Haz-Zebbug. Mill-informazzjoni li tah, huwa qal li sab tnejn minn nies feruti, Antoine Saliba u l-imputat. Antoine Saliba kien ittiehed l-Isptar Mater Dei b'ambulanza u l-imputat ittiehed l-isptar minn missieru. Kemm l-imputat u Antoine Saliba gew iccertifikati li kienu qeghdin isofru minn griehi ta' natura gravi.

Matul l-investigazzjoni irrizulta li l-glieda kienet l-aktar bejn Antoine Saliba u l-imputat, izda li kien hemm xi persuni ohra involuti u cioe' Sylvester Zahra, Melvin Catania u Malcolm Calleja, ilkoll hbieb tal-imputat u missier Antoine Saliba, Carmel Saliba.

[1] Seduta tat-18 ta' Awwissu 2011

L-ufficjal investigattiv kompla jghid li huwa tkellem mal-imputat, wara li nghata l-caution, fil-prezenza tas-Surgent 274 James Turner l-ghada s-6 ta' Awwissu kif kien qieghed jigi rikoverat gewwa l-Isptar Mater Dei. Nhar l-10 ta' Awwissu 2011, l-imputat gie arrestat, inghata s-soliti drittijiet tieghu u kkopera bis-shih waqt l-interogazzjoni. L-imputat irrilaxxa stqarrija izda ghazel li ma jiffirmahiex. L-argument kien inqala' fuq kwistjonijiet ta' kera u kontijiet ta' dawl u ilma.

In kontro-ezami l-ufficjal investigattiv ikkonferma li Carmel Saliba kien qieghed jigi investigat, filwaqt li ghalkemm kien inhareg Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' Antoine Saliba huwa kien kellmu biss telefonikament peress li kien ghadu qieghed jirkupra d-dar. Huwa qal li skont il-versjoni tal-imputat kien huwa li qala' l-ewwel daqqa, mentri Antoine Saliba qallu li kien huwa li qala' l-ewwel daqqa. L-ispettur ikkonferma li mill-investigazzjoni rrizultalu li Saliba kien qabad u biddel is-serratura tal-post, li l-imputat kien jikri minghand il-familja Saliba, meta l-imputat kien ghad kellu l-effetti personali tieghu. Tant huwa hekk li l-imputat fl-istess gurnata wara nofsinhar kien dahal fil-post.

Is-Surgent 274 James Turner[2] dakinhar tal-incident kien nizel fuq il-post u sab zewg persuni midrubin, l-imputat kellu daqqa fuq ghajnejh filwaqt li Antoine Saliba beda jghid li kellu xi ugiegh f'dahru konsegwenza ta' qatgha. Prezenti hdejn l-imputat kien hemm missieru Charlie Borg u Sylvester Zahra filwaqt li faccata taghhom bilqieghda fuq bankina kien hemm tnejn minn nies ohra Malcolm Calleja u Melvin Catania. Antoine Saliba u missieru Carmel Saliba kienu qeghdin quddiem blokka appartamenti li ggib l-isem *Santa Marija*. Is-Surgent xehed li kien hemm ukoll tlett vetturi tal-ghamla *Tata*, *Isuzu* u *Escort* li lkoll kellhom xi hsarat u li sussegwentement is-sidien kienu pprovdew stejjem tal-hsarat li kienu garrbu l-vetturi rispettivi taghhom.

Fix-xhieda tieghu s-Surgent jghid li huwa mill-ewwel ha l-verzjoni ta' Antoine Saliba li kompla jkellmu wkoll gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza kemm dik il-gurnata stess kif ukoll l-ghada. Antoine Saliba

[2] Seduta tat-18 ta' Awwissu 2011

qallu li kienu sprenjawlu xi pepper spray u laqtuh f'ghajnejh. Meta sprenjawlu l-pepper spray jaf li xejjer daqqa ta' ponn u laqghat lill-imputat. Huwa ha wkoll il-verzjoni ta' Charlie Borg. Fuq il-post gie mitkellem ukoll Sylvester Zahra li sussegwentement gie arrestat fis-saghtejn ta' filghodu fir-residenza tieghu. Is-Surgent kompla jghid li ghal habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug kienu gew mitkellma ukoll Melvin Catania u Malcolm Calleja.

Is-Surgent xehed li saret tfittxija fuq il-post ghall armi li setghu intuzaw waqt il-glieda fosthom zappun u *pepperspray* pero` din it-tfittxija irrizultat fin-negattiv. Izda huwa jghid li fuq il-post kien hemm zewg sistemi ta' *CCTVs*, wahda tal-hanut li jgib l-isem *Ta' Cikka* u l-ohra tal-hanut li jgib l-isem *Multitrade,* pero` din tal-ahhar kienet *dummy* u ghalhekk l-ebda filmat ma setgha jigi elevat.

Fl-investigazzjonijiet li ghamel is-Surgent fix-xhieda tieghu jghid li kien mar ukoll fil-garaxx ta' Charlie Borg fejn huwa kien tah invell li allegatament intuza fl-incident in kwestjoni.

Carmel Saliba[3], missier Antoine Saliba xehed li dakinhar huwa kien qieghed id-dar ma martu u cemplilha l-imputat fejn qalilha, "*ibghat lit-tifel ghax ha nkisser kull m'hemm*", "*lit-tifel ibghat, il-bully*". Huwa mar mill-ewwel hdejn l-appartament fejn ra lil ibnu mal-art jghajjat bl-ugiegh. Ix-xhud jghid li huma kienu krew appartament lill-imputat, izda huwa ma kienx jiehu hsiebu. Fil-gurnata tal-incident huwa jghid li hekk kif l-imputat cempel lill-martu jghidlilha li ser ikisser kull m'hemm, ibnu mar u biddel is-serraturi. Huwa jghid li kif wasal fuq il-post huwa ra lill-imputat jaghti lill ibnu Antoine Saliba b'invell izda jghid li l-imputat apparti l-invell kellu wkoll marlogg f'idejh. Wara ftit huwa jixhed li ra lill-missier l-imputat Charlie Borg gej lejh, inizjalment huwa haseb li kien ser javvicinah sabiex jaghti l-ghajnuna izda wara ftit induna li kien ser ihebb ghalih b'xafra ta' kumpressur. Mistoqsi minn kien ta d-daqqiet biz-zappun lil ibnu, huwa jghid li minghalih kien Sylvester li ta lil ibnu biz-zappun. Kien hemm Sylvester li faqghalu l-hgiega ta' wara tal-Isuzu pick up tieghu biz-zappun. Jghid ukoll li kif spiccat il-glieda l-allegati agressuri caqalqu l-van tat-tip

[3] Seduta tat-18 ta' Awwissu 2011

*Tata* u zied jghid li tefghulu tlett bottijiet spray f'ghajnejn ibnu. Mistoqsi jekk rahomx jitfghu l-ispray huwa jghid, "*le ma rajthomx, ha nithaddet is-sewwa*".

In kontro-ezami Carmel Saliba jghid, li nkwantu ghall-kera, martu u ibnu ddiljaw mal-imputat u l-flus kien itihom lil martu. Is-serratura bidilha ibnu Antoine Saliba. Jghid li dik il-gurnata tal-incident huwa kien flimkien mal-mara ghaliex marru biex jaraw hux kollox sew u ra lill-imputat tielgha t-tarag tal-appartament b'gagga tal-qtates, huwa jghid li kellem lill-imputat dak il-hin stess u qallu, "*jekk trid tiehu l-qattusa u l-affarijiet tieghek mur u gib il-flus*" u l-imputat irrispondih, "*ha mmur*" u telaq b'kemm jimxi bil-vettura tieghu. Mistoqsi jekk dak il-hin l-imputat insultahx, huwa jghid li, "*dak il-hin ma smajtux.*" Ma jafx kemm kellu jaghtih ezatt. Huwa jghid li dak il-hin kien madwar l-erbgha u nofs jew il-hamsa ta' wara nofsinhar. Mistoqsi jekk jahfx minn biddel is-serratura huwa jghid li forsi semgha lil martu tghidlu, "*Antoine biddel is-serratura ghax ha jmur ikisser kull m'hemm jekk jigi Joseph.*" Fuq domanda tal-Qorti b'referenza ghax-xhieda ta' Carmel Saliba fejn qal li waqt l-incident kellu jiddefendi lill-ibnu minn nies li kien hemm prezenti, huwa gie mistoqsi x'ghamel biex iddefendih fejn irrisponda li qabad oggett f'idu sabiex ibezza' lin-nies izda ma jiftakarx x'tip ta' oggett kien u min fejn gabu la jaf minn gol-vann tieghu u lanqas mill-karozza taghhom ghaliex kellhom hafna ghodda. Mistoqsi x'ghamel bih dan l-oggett huwa jghid li sa fejn jaf hu ma ghamel xejn bih.

Antoine Saliba[4] ghazel li jixhed ghalkemm imwissi minn din il-Qorti li ghandu d-dritt skont il-Ligi li ma jixhidx jekk ihoss li din ix-xhieda tista' tinkriminah fil-proceduri kriminali li hemm pendenti fil-konfront tieghu.

Fix-xhieda tieghu Antoine Saliba jghid li fil-gurnata tal-incident ommu cemplitlu madwar id-disgha ta' filghaxija u qaltlu li l-imputat ried ikellmu. Gimgha qabel kien inqala' incident fejn kienu skoprew li l-imputat kien kisser hgiega ta' appartament iehor (mhux li kien qed jikri) u dahal u seraq tank tal-gas. Kien sar rapport fl-Ghassa izda fl-ghassa stess intlahaq ftehim fis-sens li l-familja tieghu kienet lesta li ma tipprocedix kontrih basta jhallas l-ispejjez tal-hgiega u tat-tank tal-gas. Ghalhekk dakinhar tal-

[4] Seduta tas-6 ta' Settembru 2011

incident wara nofsinhar kien iltaqa' mal-imputat hdejn l-appartament li kien jikri u dan biex itih it-tank tal-gas. Fil-fatt l-imputat kien tahulu. Wara dan huwa rega' mar lura fl-appartament u biddel is-serratura u dan billi ommu ftit qabel kienet avzat lill-imputat li l-kirja ser tigi terminata u sabiex jirritorna c-cwievet. Ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-kirja kienet ghax kien hemm xi nies interessati jirku l-appartament kif ukoll ghax l-imputat kellu l-arretrati ta' kera xi jhallas. Huwa jishaq li meta biddel is-serratura kien cert li l-imputat kien lahaq ha l-affarijiet personali tieghu u vvaka l-appartament.

Meta cemplitlu ommu fid-disa' ta' filghaxija u qaltlu li l-imputat xtaq ikellmu huwa jghid li hareg kif kien dak il-hin bis-*shorts*, b'zaqqu barra u hafi ghax kien qieghed jara t-television. Huwa mar bil-vettura tieghu van *Escort* tal-kulur abjad u jiftakar li hdejn l-appartament kien hemm vettura tat-tip van *Tata* hamra u ipparkja quddiemha hdejn l-appartament stess. Huwa ra lill-imputat faccata l-appartament u mar hdejh u staqsieh x'ried. Dak il-hin huwa rrealizza li hdejn l-imputat li kien bilwieqfa kien hemm xi nies bilqieghda fuq il-bankina li kienu qeghdin mieghu. Jkompli jghid li l-imputat qallu, "*iftah ha niehu hwejjgi ghax inkella inkisser kull m'hemm*" u kompla billi offendih u qallu kliem oxxen u x-xhud irrispondih billi qallu li kien ser jaghmel rapport l-ghassa.

Dak il-hin huwa jghid li ra li l-imputat kien ser ihebb ghalih u mill-genb ta' ghajnejh osserva li wahda mill-persuni li kienet mal-imputat kien ser johrog bott *pepper spray* min gol-but, u beda jibza' li l-imputat kien ser jahtfu u l-persuna l-ohra kienet ser titfa l-*pepper spray* f'ghajnejh, ix-xhud irreagixxa billi imbotta lill-imputat u telaq jigri. Il-persuni li kienu bilqieghda qamu jigru ghal warajh, lehquh, bdew ituh bis-sieq, tawh gambetta u hekk kif waqa' mal-art bdew ituh bis-sieq u bil-ponn f'wiccu. Huwa jkompli jghid li dak il-hin kellu ghajnejh maghluqa peress li kellhom tlett bottijiet *pepper spray* u t-tlieta li huma bdew jitfghuh f'ghajnejh. Huwa beda jipprova jizgicca halli jahrab, kif kien qieghed jaghmel hekk huwa osserva li dawn il-persuni telqu jigru lejn il-vettura tat-tip van *Tata* u hargu zappun, invell u marlogg. Jghid li dawn il-persuni bdew jigru warajh u hu beda jdur mal-van sabiex jevitahom. Antoine Saliba jsemmi li dak il hin osserva lil wiehed minn dawn il-persuni li wara sar jaf li jismu Sylvester ixejjer iz-zappuna lejn wiccu, ghalkemm ipprova jolqtu tlett

darbiet, it-tlett darbiet irnexxilu jevitah b'dan illi Sylvester darbtejn minnhom laqghat il-vettura ta' Antoine Saliba tat-tip van *Escort*, darba fuq il-pilastru u darba fuq il-genb u mat-tielet darba laqghat il-vettura tat-tip van *Tata* u kisser il-hgiega.

Jghid li meta huwa kien qieghed jigri b'dawn it-tlett persuni jigru warajh, dahhal hgiega fil-qiegh ta' saqajh. peress li kien hafi, instabat wiccu mal-art u kien f'dak il-hin li Sylvester  tah daqqa ta' zappuna fuq ir-rukkell ta daru u rega' gholla z-zappuna biex itih daqqa ohra, izda kien f'dan il-mument li l-imputat tah daqqa ta' invell fuq daru, fl-istess post fejn kien ghadu kemm tah daqqa biz-zappuna Sylvester. Fil-hin u l-mument ix-xhud ra van gej hdejh, dan il-van kien ta' missieru. Kif Sylvester ra l-van gej ghal fuqhom ta' daqqa biz-zappuna lill-van ta' missier Antoine Saliba u kissirlu l-hgiega. Missieru hareg mil-van u mar jigri ghal warajhom u huma telqu jigru, kif kienu ser iduru lill-missieru huwa jixhed li ra lill-missieru jiehu xi haga mill-van taghhom Tata u kien f'dan il-mument li huma telqu minn fuq il-post. Jghid li huwa beda jghajjat lill-missieru ghax beda jibza' li ser iduru ghalih u joqtluh u beda jghidlu biex jigi malajr ghax beda jibza' li ser jizvina. Kif missieru mar hdejh ghollih ghal fuq il-bonnet tal-karozza u gie fuq il-post missier l-imputat Charlie Borg u f'idjeh kellu xafra kbira tal-kumpressur u beda jghajjat u jghid, "*min kissirli l-van, min kissirli l-van*" u hu wiegbu li kienu l-persuni l-ohra li ghamlulu l-hsara.  Huwa beda jibza' li Charlie Borg kien ser idur ghalihom ukoll izda dak il-hin waslu l-karozzi tal-pulizija fuq il-post u jghid li sema pulizija ighid li zgur kien intuza' pepper spray ghaliex kien qieghed jaharquh ghajnejh. B'kawza tal-incident huwa sofra dizabilita' u affetwatu fuq ix-xoghol billi kien jaghmel xoghol manwali.

In kontro-ezami huwa jghid li dik il-gurnata tal-incident ghal habta tas-sitta ta' filghaxija huwa mar fl-appartament u sab lil ommu tahsel il-post u ma sabx affarijiet propreta` tal-imputat izda kienet ommu li qaltlu li l-imputat kull ma kien ghad fadallu fl-appartament kienu tlett tazzi u fan li kien mohbi wara l-gwardarobba. Meta gie suggerit li filfatt l-imputat kellu affarijiet ohra fl-appartament huwa jghid li ma kien hemm xejn aktar li japaprtjeni lilu, izda ftakar li kien hemm il-qattusa tal-imputat bl-isem *Fox* li kienet ghadha hemm. Huwa jichad li kien l-ewwel persuna li ta daqqa lill-imputat izda huwa jghid li kien l-ewwel wiehed li agixxa u imbotta lill-

imputat ghax osserva lill-imputat ser jaghti s-salt biex ihebb ghalih u jaqbadlu ghonqu peress li kellu idejh miftuhin u ra lill-persuna l-ohra tohrog il-*pepper spray* minn gol-but. Huwa ikkonkluda li l-persuni li aggredewh kienu tlieta fost l-imputat u Sylvester li kien liebes flokk ahmar b'ajkla u jghid illi huwa beda jzomm ghajnejh maghluqin waqt li kienu qeghdin jitfghu l-*pepper spray* f'ghajnejh izda kultant beda jiftah ghajnejh sabiex ikun jista' jahrab. Huwa ma qabilx li xejjer daqqa ta' ponn lill-imputat u mhux sempliciment imbuttah kif xehed.

Carmen Saliba[5] ghazlet li tixhed ghalkemm imwissija minn din il-Qorti li ghandha d-dritt skont il-Ligi li ma jixhidx peress li binha Antoine Saliba huwa ukoll akkuzat fi proceduri in konnessjoni ma' dan l-incident.

Omm Antoine Saliba, Carmen Saliba tixhed li hija kienet kriet l-appartament lill-imputat f'Mejju tas-sena 2011, izda dejjem kellha diffikulta' biex tigbor il-kera minghandu u ghalkekk infurmatu fil-bidu ta' Awwissu li kellu jivvaka l-appartament u jirritorna lura c-cwievet ghax l-imputat baqa' ma hallasx il-kera. Tghid li fil-gurnata tal-incident hija kienet fthemet mal-imputat sabiex jorhog mill-appartament peress li hija kienet ser tmur tnaddfu fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Hija marret flimkien ma zewgha sabiex jghinha u hekk kif cemplet il-qanpiena u ma beda jwiegeb xejn hija ddecidiet li l-imputat kien telaq mill-appartament u ghalhekk qabdet ic-cavetta, fethet u dahlet. Tghid li fl-appartament sabet hafna hsara izda ikkonkludiet li l-imputat kien telaq mill-appartament ghax l-unika oggetti li sabet li kienu jappartjenu lill-imputat kienu sett ta' seba' tazzi f'gabarre, nofs pakkett Dixan miftuh u kaxxa bil-gallettini u fan li dak il-hin ma ratux, kien hemm ukoll il-qattusa tal-imputat. Hija tghid li huma u nezlin it-tarag hi u r-ragel iltaqghu mal-imputat tielgha b'kaxxa u ried jidhol biex jiehu l-qattusa, izda zewgha qallu li qabel ma jiehu l-affarijiet tieghu ried ihallas il-kera dovuta. Huwa qalilhom biex jistennewh ghax kien ser igibilhom il-kera dak il-hin stess, huwa telaq il-kaxxa li kellu f'idu mal-art u stennewh ghal saghtejn izda l-imputat ma tfaccax. Hija tikkonferma li kienet hi stess li dak il-hin infurmat lil binha Antoine Saliba sabiex jbiddel is-serratura. Hija tghid li kien ghal habta tad-disgha ta' filghaxija meta hija kienet id-dar ma zewegha u irceviet telefonata

[5] Seduta tas-6 ta' Settembru 2011

minghand l-imputat sabiex tibghat lil binha Antoine Saliba fuq il-post, hija tghid li l-ewwel cempel u qalilha, "*ejjew*" izda imbghat rega' cempel u qalilha, "*lil Antoine ibghat*", fit-tieni telefonata hija xehdet li semghet il-vucijiet ta' aktar minn tlieta minn nies, konsegwentement hija bdiet tinkwieta u bghatet lil zewgha fuq il-post.

L-Ispettur Investigattiv Tony Cachia[6] rega' xehed fejn huwa qal li mill-investigazzjonijiet li saru permezz ta' filmati gie stabbilit li l-ewwel tnejn minn nies li kellhom xi jghidu kienu l-imputat u Antoine Saliba fejn kif stabbilit mill-istess filmati kien Saliba li ta' l-ewwel daqqa ta' ponn lill-imputat u laqtu fuq ghajnejh fejn mill-istess filmat jidher li kemm l-imputat kif ukoll shabu li kienu qeghdin bilqieghda fuq il-bankina, qamu ghalih u bdew jigru warajh. L-Ispettur ikompli jghid li f'hin minnhom deher wkoll Sylvester Zahra biz-zappun u l-imputat b'invell jaghtu lill-Antoine Saliba. Ghalkemm l-Ispettur kien affronta lill Antoine Saliba b'dak li deher fil-fimat huwa baqa' jichad li ta daqqa ta' ponn lill-imputat u qal, "*dakinhar jiena innutajt li kienu ser iqumu ghalija xi nies u nnotajt il-pepper spray f'idejhom.*" Gie esebit envelope u mmarkat bhala Dok. TC2 li l-kontenut tieghu jikkonsisitu f'negattiva li turi sitta u tletin ritratt, sitta u tletin ritratt li jirrigwardaw l-incident in kwestjoni u CD li tikkontjeni l-*footage downlaond* li ttiehed mill-hanut in kwestjoni. In kontro-ezami l-Ispettur jghid li kienet giet elevata bicca injama li allegatament kien uzaha Charlie Borg. Iz-zappun ma nstabx.

Dr Maria Galea[7] xehdet li meta hija kienet ezaminat lil Antoine Saliba huwa kien f'sensih u "*kellu ferita fonda, kienet xi hames centimetri twila u kienet nifdet il-muscles tan-naha ta' wara ta dahru u kienet tinsab fin-naha tax-xellug tan-naha t'isfel ta' dahru*". F'dahru fuq in-naha tax-xellug t'isfel kellu wkoll zewg strixxi ta' grif. Hija tkompli tghid li fir-rigward ta' saqajh huwa kellu brix fin-naha tal-irkoppa tal-lemin u tax-xellug, grif fl-ghaksa tan-naha tal-lemin, bicca hgiega fil-qiegh ta' saqajh tan-naha tax-xellug u grif f'idu l-leminija. Wara li saritlu *CT Scan*, gie esklus li l-organi ta' zaqqu gew imniffdin pero` ir-rizultat wera ksur f'wahda mill-gwienah u wahda mir-rkiekel ta' dahru, li wara kien stabbilit li kien ir-rukkel numru erbgha u

[6] Seduta tat-13 ta' Settembru 2011
[7] Seduta tat-26 ta' Ottubru 2011

ghalhekk il-griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi. Gie esebit kopja tac-certifikat mediku irrilaxxat minnha stess u mmarkat bhala Dok. 'MG1'[8] minn fejn jirrizulta li l-griehi gew ikklassifikati bhala *grievous.*

Dr Rebecca Galea[9] xehdet li fis-6 ta' Awwissu fil-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl kienet ezaminat lill-imputat li "*kellu qasma fuq ghajnejh measuring about three centimeters*." Hija ghamlitlu l-punti u ezaminatu biex tara jekk kellux xi griehi ohra. Dawn il-griehi hija kklasifikathom bhala ta' natura gravi ghax jinsabu fil-wicc u stqarret li hemm cans li din il-qasma tibqa' marka. Gie esebit kopja tac-certifikat mediku irrilaxxat minnha stess u mmarkat bhala Dok. 'RG1'[10].

Il-Kuntistabbli 453 Brian Cassar[11] b'referenza ghad-dokument li gie esebit u mmarkat bhala Dok. 'TC2' jixhed li s-sitta u tletin (36) ritratt gew mehudin mill-filmat tal-5 ta' Awwissu 2011 minnu stess, liema filmat gie irtirat minn *Ta' Cikka Bar* li jinsab gewwa Triq Loret Cutajar, Haz-Zebbug. Huwa spjega li s-sistema kienet hamsa u sittin minuta lura u ghalhekk riedu jizdiedu dawn il-minuti sabiex jigi stabbilit il-hin proprja tal-incident.

Is-Surgent 601 Justin Spiteri xehed li dakinhar tal-incident ghal habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta' filghaxija waqt li kien qieghed *nightwatch* gew imsejjhin mill-*control-room* sabiex jintervjenu gewwa Triq Luret Cutajar, Haz-Zebbug peress li kien hemm argument u persuna kienet ukoll sofriet xi griehi. Kif waslu, fuq in-naha tal-hanut *Ta' Cikka Bar* kien hemm grupp ta' madwar erba' minn nies, izda ma jiftakarx ezatt kemm-il persuna kien hemm u faccata kien hemm missier u iben, fejn il-missier kien jidher agitat. L-iben li gie identifikat bhala Antoine Saliba kellu griehi fin-naha t'isfel ta' dahru, kien qieghed jitlef ammont ta' demm u kien qieghed izomm id-demm bi flokk. Antoine Saliba indikalu li kienu n-nies li qeghdin faccata tieghu li fosthom kien hemm min minnhom li kkawzalu l-griehi. Persuna f'dan il-grupp li kellha gerha fuq hugbejh qaltlu li kien Antoine Saliba li ghamillu din il-gerha. Huwa jkompli jghid li f'hin minnhom Antoine Saliba

[8] A fol 133 tal-process

[9] Seduta tat-26 ta' Ottubru 2011

[10] A fol 136 tal-process

[11] Seduta tat-26 ta' Ottubru 2011

beda joghtor u jghid li qieghed jistordi u x-xhud inharaq kif ghamel kuntatt mieghu, Antoine Saliba qallu li kien intuza l-*pepper spray* u x-xhud jghid li anke hu hassu. Mistoqsi dwar il-griehi li kellu l-imputat, x-xhud jghid li kellu, "*dmija niezel wiccu kollu, imma kienet tidher ehe, evidenti*." Is-Surgent jsemmi li fuq il-post kien hemm persuna li kellha injama f'idejha li malli rathom tefghat l-injama f'*pickup truck* li kellu l-hgieg miksur, liema persuna giet identifikata minnu fis-seduta bhala persuna li kien fil-grupp. Huwa jghid ukoll li kemm hu kif ukoll xi *units* ohrajn ghamlu *search* fl-istess triq, fil-*main road,* it-triq tas-Siggiewi, f'certu entraturi ta' garaxxijiet u *drive-inns*, f'ghalqa li qieghda qrib il-post u fejn l-*exchange* tal-Maltacom ghal xi armi li setghu intuzaw izda din it-tfittxija irrizultat fin-negattiv.

Il-Kuntistabbli 509 Jurgen Pace jghid li huma ircevew telefonata ghal habta tad-disgha u nofs fil-gurnata ta' meta sehh l-incident in kwestjoni u gew infrumati li kien hemm glieda. Kif waslu fuq il-post quddiem il-bar *Ta' Cikka* huma sabu xi ghaxar persuni, ragel b'injama f'idu, van imkisser u ragel iserrah mal-kantuniera li kellu ferita f'dahru. Ix-xhud indika lill-imputat bhala r-ragel li kellu l-injama f'idu u lil Antoine Saliba bhala r-ragel li kellu l-ferita f'dahru. Huwa kompla jghid li kif waslu fuq il-post kif rahom l-imputat waddab l-injama fil-van li kien mimli ghodda. Mistoqsi jekk instabux xi armi, huwa jghid li saret *search* f'ghalqa izda ma sabu xejn.

Spettur Tony Cachia[12] b'referenza ghall-invell isfar li kien mghoddi lilu mis-Surgent 274 James Turner xehed li waqt l-interrogazzjoni ta' Joseph Borg fl-10 ta' Awwissu 2011, l-imputat ikkonferma li dak kien l-invell li bih kien ta diversi daqqiet lil Antoine Saliba. L-invell gie esebit u mmarkat bhala Dok. TC4.

Melvin Catania[13] irrilaxxja stqarrija fis-6 ta' Awwissu 2011, li tinsab esebita in atti u xehed li peress li ilu hafna ma tantx jiftakar. Huwa jghid li dakinhar tal-incident kienu Malcolm Calleja, Joseph, Sylvester u hu fejn marru flimkien sabiex jghinu lill-imputat igorr l-affarijiet minn gewwa l-appartament. Sussegwentment kien gie sid il-post peress li c-cavetta ma

[12] Seduta tat-26 ta' Ottubru 2011

[13] Seduta tat-26 ta' Ottubru 2011

qablitx. B'referenza ghal *pepper spray* huwa jghid li ma rahx *pepper spray* u ma kienx jaf jekk kienx *pepper spray* pero` jghid li huwa qall lill-Ispettur, "*jekk kien pepper spray imn'Alla kien il-pepper spray*" ghax Antoine Saliba qabad jaghti lil Joseph u tefghu mal-art. Huwa jghid ukoll li lill-imputat Antoine Saliba tah daqqa f'wiccu izda ma jiftakarx ezatt f'liema parti, u li din id-daqqa hallietu nofsu stordut, sussegwentement huwa telaq minn fuq il-post ghax ma riedx ikun involut fi glieda u meta rega' gie lura ghal *mobile* ra lill-imputat b'wiccu kollu demm kif ukoll lil missier Joseph u vannijiet imkissrin. Sussegwentement huwa jghid li ra l-vettura tat-tip van *Toyota* ahmar tal-imputat biss li kien imkisser, ha l-*mobi*le minn fuq id-*dashboard* u telaq 'l hemm. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd b'xi ghodda f'idu jew b'xi injama huwa jghid li ra lil Sylvester sejjer lejn il-van pero` ma kienx jaf jghid jekk harigx xi haga minn gol-vann.

Il-Prosekuzzjoni matul ix-xhieda ta' Melvin Catania iddikjarat ix-xhud ostili u esebit l-istqarrija tieghu mmarkata bhala Dok. 'TC5'. Dan ix-xhud kien qal li kien intuza pepper spray fuq Antoine Saliba x'aktarx minn Joseph Borg jew Sylvester Zahra.

Malcolm Calleja[14] xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qieghed ghand il-habib tieghu Melvin u mar l-imputat u talabhom imorru mieghu sabiex igorru xi affarijiet mill-appartament tieghu. Kif waslu Haz-Zebbug, l-imputat mar biex jiftah il-bieb tal-appartament imma dan ma riedx jinfetah ghax is-serratura kienet mibdula u cempel lil sid l-appartament u bdew jitghajru. F'daqqa wahda tfacca sid il-post u l-imputat u hu bdew joffendu lil xulxin u sid il-post ta' daqqa ta' ponn lill-imputat u beda niezel id-demm minn imniehru. Kif ra hekk ix-xhud jghid li hu u Melvin Catania telqu jigru u daru l-kantuniera filwaqt li Sylvester Zahra u l-imputat baqghu hemmhekk. Ix-xhud jistqarr li huma regghu marru lura fuq il-post meta gew il-pulizija ghax kellhom il-*mobile* fil-vettura tal-imputat. Huwa innota li l-vettura ta' Joseph kienet kollha imkissra inkluz il-hgieg taghha kif ukoll kien hemm van abjad li kellu t-twieqi imkissrin, liema van kien ta' sid l-appartament. Mistoqsi jekk rahx xi feriti fuq sid il-post huwa jghid li dak il-hin ma tahx kaz, kemm qabad il-*mobile* u tefghu fil-but, gie ghalihom sehibhom bil-karozza u telqu.

[14] Seduta tat-26 ta' Ottubru 2011

Il-Kuntistabbli 179 Raisa Farrugia[15] tixhed li Antoine Saliba mar l-ghassa ta' Haz-Zebbug sabiex jaghti l-Istqarrija tieghu, liema stqarrija giet irrilaxxjata minnu stess fil-31 ta' Awwissu 2011 wara li kien inghata l-*caution* u d-dritt li jikkonsulta mal-avukat. Hija gharfet l-Istqarrija esebita in atti u il-firma taghha, tal-Ispettur Cachia u ta' Antoine Saliba

Sylvester Zahra[16] mistoqsi mill-Qorti jekk xtaqx jixhed f'dawn il-proceduri huwa qal li hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu fuq l-istess incident u ddikjara li ma xtaqx jixhed f'din il-kawza.

Carmel Saliba[17] rega' xehed ghal darb' ohra rigward il-hsarat li garrbet il-vettura tieghu tat-tip *Isuzu* hamra, liema hsarat huwa jghid li gew ikkawzati minn Silvester biz-zappun, konsegwenza ta' liema huwa kisser il-hgiega ta' wara tan-naha tax-xellug tal-vettura kif ukoll ghamel xi hsarat fuq l-istess genb fejn skont l-istess xhud nizzel iz-zappun. Huwa jghid li ghadda l-istima ta' dawn il-hsarat lill-ufficjal investigattiv.

Charlie Borg[18] rega' ta' x-xhieda tieghu fejn gie muri stima mmarkata bhala Dok. 'TC6' li saret fuq il-hsarat li garrbet il-vettura proprjeta` tieghu tat-tip *Tata*, liema vettura tinstaq kemm minnu kif ukoll minn ibnu l-imputat. Huwa jghid li l-hsarat fuq il-van sar jaf bihom meta kien cempilli l-imputat u qallu, "*ejja ghax faqghuli ghajnejja, il-van qed ikissruh*." Huwa jghid li kif wasal fuq il-post wiehed mis-sidien tal-appartament ammetta li kien hu li kissirlu l-van u beda jkellmu hazin, kif mexa zewg passi sabiex jara fejn hu ibnu, huwa ra lit-tifel gej b'ghajnejh kollha demm, fejn sahansitra qallu li ma kien qieghed jara xejn u fuq istruzzjonijiet tas-Surgent ha lil ibnu l-Ispar. Ix-xhud jghid li l-istima gabha min ghand persuna li ghandha il-garaxx Haz-Zebbug u ghamillu stima tal-hsarat. Kien inghata istruzzjonijiet sabiex jiehu l-van id-depot l-ghada tal-incident fis-sebgha u nofs ta' filghaxija izda huwa u sejjer kellu incident ma vettura ohra fejn kienu involuti l-*wardens* u l-assigurazzjoni tieghu. Huwa jkompli jixhed li l-van ma kienx hadu id-depot izda minflok kienu gew il-pulizija

[15] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2011

[16] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2011

[17] Seduta tas-7 ta' Dicembru 2011

[18] Seduta tat-18 ta' Jannar 2013

fuq il-post fejn kien mizmum il-vann u cioe' fid-*drive in* li taghti ghal garaxxijiet. In kontro-ezami mistoqsi jekk hux qieghed jitkellem fil-plural meta kien qieghed jirreferi ghall-persuni li kissrulu l-vann huwa jwiegeb fl-affermattiv u jghid li l-persuna li kellmitu hazin kien Charles Saliba.

L-Ispettur Tony Cachia[19] rega' ta x-xhieda tieghu u esebixxa injama mmarkata bhala Dok. 'TC10', liema injama meta giet murija lill-imputat waqt l-Istqarrija tieghu fl-ufficcju tal-Ispettur fl-10 ta' Awwissu 2011huwa qal li kien ra f'idejn Sylvester Zahra dakinhar tal-incident.

Is-Surgent 274 James Turner[20] kompla jaghti x-xhieda tieghu fejn ipprezenta rapport numru 2D/1276/2011 datat il-5 ta' Awwissu, 2011 li jirrigwarda l-incident in kwestjoni, liema verzjoni li taw il-partijiet involuti tinsab fid-dettal fir-rapport li gie esebit u mmarkat bhala Dok. 'JT1'. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tal-injama li giet murija lilu mal-incident, huwa jghid li din kienet giet elevata mill-vettura tat-tip van *Tata*, proprjeta` ta' Charlie Borg. Mistoqsi jekk kif avvicina lill-Antoine Saliba innotax xi haga partikolari apparti l-ugiegh huwa irrisponda fin-negattiv.

L-Ispettur Tony Cachia[21] kompla jixhed u esebixxa tnax-il ritratt li kien ghaddielu Antoine Saliba waqt li kien qieghed jinvestiga l-kaz, liema ritratti kien qallu li juru l-griehi li kien garrab fl-incident in kwestjoni. Dawn ir-ritratti gew esebiti u mmarkati bhala Dok. 'TC6' sa Dok. 'TC18'. In kontro-ezami l-Ispettur jghid li Antoine Saliba kien qallu li r-ritratti kien hadhomlu xi hadd tal-familja, izda ghalkemm jista' jkun li kien indikalu isem, huwa jghid li dan l-isem ma jiftakrux.

Brian Attard[22] ikkonferma fix-xhieda tieghu li l-istima esebita in atti kienet mill-*MIRA Motors* li tirrigwarda *parts* tal-vettura tat-tip *Isuzu*.

Joe Gatt[23] muri tlett dokumenti esebiti in atti, fix-xhieda tieghu jikkonferma li dawk kienu stimi u li l-vettura in kwestjoni ghadu ma sewwijhiex. Huwa

[19] Seduta tat-29 ta' Frar 2012
[20] Seduta tat-29 ta' Frar 2012
[21] Seduta tat-30 ta' Mejju 2012
[22] Seduta tat-30 ta' Mejju 2012
[23] Seduta tat-30 ta' Mejju 2012

jghid li gie xi hadd ghandu u qallu li kien bghatu s-Surgent jew l-Ispettur u talbu jaghmel stimi u kkonferma li dawk it-tlett stimi tal-vettura tat-tip *Tata* kien harighom hu fuq struzzjonijiet ta' Carmel Saliba.

Carmel Cilia[24] jixhed li huwa l-proprjetarju tal-hanut bl-isem, *Ta' Cikka Bar* li jinsab jewwa Tirq Luret Cutajar, Haz-Zebbug fejn il-Pulizija talbuh ir-*recordings* tal-cameras. Ghalkemm huwa ma xtaqx jipprovdi lill-Pulizija b'dan il-*footage* peress li n-nies involuti kienu hbieb tiehu huwa gie infurmat li skont il-Ligi, il-Pulizija kellhom id-dritt li jirtiraw dawn ir-*recordings* kif filfatt ghamlu. Mistoqsi jekk kienx jaf in konnessjoni ma xiex il-Pulizija talbuh dawn ir-*recordings* huwa jghid li kien konsapevoli li huma ghamlu din ir-rikjesta minhabba xi argument li kien inqala.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

**Ferita Gravissima**

Illi minn dak li irrizulta mill-atti processwali d-dinamika tal-akkadut kienet is-segwenti:

L-imputat kien jikri appartament minghand il-familja Saliba. Wara li inqala' disgwid bejn il-partijiet in vista tal-fatt li l-imputat allegatament ma kienx qieghed ihallas il-kera kif kellu l-obbligu li jaghmel, huwa kien gie avzat li kellu jivvaka l-fond. Infatti jirrizulta li l-imputat hekk kien qieghed jaghmel. Tant huwa hekk li wara nofsinhar fid-data tal-incident il-genituri ta' Antoine Saliba kienu marru fil-fond u sabu biss ftit oggetti appartenenti lill-imputat. Carmen Saliba ssostni li ghaliha kien ivvaka, biss pero' kien ghad fadal ukoll il-qattusa tal-imputat. Ghalhekk din il-Qorti ma temminx lil Carmen Saliba meta tghid li qalet lil binha biex ibiddel is-serratura ghaliex l-imputat kien ivvaka. In effetti, tant kienet taf li ma kienx ivvaka li proprju wara nofsinhar l-istess imputat iltaqa' maghhom fit-tarag tal-blokka biex ikompli jgorr l-affarijiet izda l-komjugi Saliba qalulu li l-ewwel kellu jhallas l-arretrati u imbaghad jiehu l-kumplament tal-affarijiet. Huwa qalilhom li kien se jmur igib il-flus, stennewh u ma marx. B'hekk Carmen

[24] Seduta tat-30 ta' Mejju 2012

Saliba qabdet lil Antoine Saliba, hadet il-ligi b'idejha, minghajr ma rrikorriet ghal proceduri legali quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u qabdet u bidlet is-serratura tal-appartament minghajr ma' l-imputat ha dak li kien fadallu jigbor.

Fil-gurnata inkwistjoni, ghalkemm l-imputat kien dahal fl-appartament ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, aktar tard dik il-gurnata stess ghal madwar id-disgha ta' filghaxija huwa gie akkumpanjat minn shabu u cioe' Sylvester Zahra, Melvin Catania u Malcolm Calleja sabiex jghinuh igorr l-affarijiet li kien ghad fadallu jiehu mill-istess appartament. Kif wasal fuq il-post huwa rrealizza li s-serratura kienet mibdula u cempel lis-sid l-appartament. Fil-pront wasal Antoine Saliba fuq il-post u kemm hu kif ukoll l-imputat bdew jitghajru b'dan illi fil-pront Antoine Saliba hebb ghall-imputat u tah daqqa ta' ponn fuq ghajnu x-xellugija ghalkemm Antoine Saliba cahad li ghamel din l-azzjoni, huwa jghid li minflok imbuttah. Izda l-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-filmat u l-*istills* esebiti in atti jidher ampjament car li Antoine Saliba ta daqqa ta' ponn lill-imputat f'wiccu tant illi bid-daqqa l-imputat resaq lura.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'versjonijiet kunfliggenti dwar id-dinamika tal-incident izda dan ma jfissirx li kull kunflitt ta' provi ghandha twassal ghal liberatorja.

Illi d-difiza in subsidium issollevat il-legittima difeza. Dan minnu nnifsu jfisser li l-imputat mhux qieghed jikkontesta li ta daqqa ta' invell lil Antoine Saliba.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**[25] inghad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir*

[25] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fin-19 ta' Mejju, 2014

*tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li: "Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex*

*jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Iddifiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak ilmument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Illi applikati dawn l-insenjamenti ghar-rizultanzi processwali jirrizulta li din id-difiza ma tistax tirnexxi. Minn dak li rrizulta lil din il-Qorti, jidhrilha li l-istess imputat ha lil shabu mieghu ghaliex jew ippreveda li se jkun hemm l-inkwiet jew mar ghall-inkwiet. Jigi rilevat li ghalkemm gie sostnut li shab l-imputat akkumpanjawh biex ighinuh igorr, tali asserzjoni m'ghandhiex mill-veru. Dan billi mill-provi rrizulta li l-imputat kien diga' garr il-maggiorparti tal-oggetti appartenenti lilu u ghalhekk certament ma kienx hemm il-htiega ta' tlett persuni mieghu biex igorr l-ahhar affarijiet. Inoltre' filwaqt li rrizulta li kien Antoine Saliba li ta l-ewwel daqqa ta' ponn lill-imputat wara li kien hemm skambju ta' insulti bejn il-partijiet; min-naha l-ohra rrizulta wkoll li l-istess Antoine Saliba dar u kien miexi. Ghalhekk ma rrizultax li kien hemm biza' attwali ghall-imputat ghal hajtu.

Illi in kwantu ghal feriti sofferti minn Antoine Saliba jirrizulta li t-tabiba Dr Maria Galea mill-Isptar Mater Dei iccertifikat li kienu ta' natura gravi peress li kellu l-ksur f'dahru.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Apap**[26] saret referenza ghas-segwenti gurisprudenza:

*Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:*

*Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-*

[26] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-8 ta' Frar 2018

*dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[27]

*Illi aktar minn hekk huwa stabbilit li l-Qorti tista tasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Francis Dingli*[28]*;"*

F'dan il-kaz ma giex nominat espert sabiex jistabilixxi l-feriti subiti minn Antoine Saliba ma xhiex huma kompatibbli. Dan qieghed jigi rilevat invista tax-xhieda tal-istess Antoine Saliba li rrakkonta li l-ewwel qala' daqqa ta' zappun fuq dahru minn Sylvester Zahra, u imbaghad ezatt wara, l-imputat tah bl-invell fl-istess post. Din il-Qorti ma tqisx li hija f'posizzjoni li tista' tikkonkludi min ikkawza l-ferita gravi ghaliex ma tistax tassumi. Kwindi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat oltre' d-dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li kkawza l-ferita gravissima fuq Antoine Saliba; izda bla ebda dubju l-imputat li ta lil Antoine Saliba bl-invell ikkawzalu griehi hfief u inoltre' rrizulta wkoll li l-istess Saliba kellu wkoll brix fuq dahru u f'diversi partijiet ta' gismu.

## It-Tielet Imputazzjoni

L-imputat qieghed jigi akkuzat bil-kontravenzjoni, fejn volontarjament, kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

B'referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. …omissis …,**[29] il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li sabiex tissussisti din l-imputazzjoni:

*"Rigward t-tieni akkuza u cioe dik kontemplata fl-artikolu 338 (dd) li voluntarjament kiser il-paci pubblika, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Pio Galea deciza fis-sbatax ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie deciz li sabiex ikun hemm*

---

[27] Ref Pulizija vs Joseph Azzopardi Appel Kriminali 30.07.2004

[28] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

[29] Qorti tal-Appell Kriminal deciza fl-4 ta' Mejju, 2011

*dan r-reat irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil".*

Illi m'hemmx dubju mill-atti din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

**Hsara volontarja**

L-imputat qieghed jigi akkuzat li volontarjament ghamel hsara fuq il-vetturi tal-ghamla *Ford Escort* bin-numru ta' registrazzjoni IAD-434 liema hsara tammonta ghall €356.36 u fuq il-vettura ta' l-ghamla *Isuzu* b'numru ta' registrazzjoni FAB-726 fl-ammont ta' €236.16 ghad-detriment ta' Antonio Saliba u Carmel Saliba rispettivament.

Din l-imputazzjoni ma tirrizultax li giet ippruvata.

**Il-Hames Imputazzjoni**

L-imputat qieghed jigi akkuzat li kellu fil-pussess tieghu munizzjon (*pepper spray*) projbit kif imsemmi fi skeda 1 tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta' Malta.

Tali imputazzjoni lanqas ma tirrizulta mill-provi prodotti mit-tfittxijiet li saru ma nstabx il-munizzjon (*pepper spray*) u ghalkemm jirrizulta li ntuza' pepper spray ma giex ippruvat li kien l-imputat li ghamel uzu minnu. Dan qieghed jinghad tenendo kont li inizjalment Antoine Saliba jghid li ra lil wiehed mill-hbieb tal-imputat johrog il-*pepper spray* mill-but, filwaqt li l-imputat jghid li l-*pepper spray* kien ta' Antoine Saliba.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u c-cirkostanzi kollha tal-kaz flimkien mal-fedina penali tal-imputat. Tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza billi l-agir tieghu mhux accettabbli fis-socjeta' taghna.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat hati tar-raba’ u hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u inkwantu ghat-tieni imputazzjoni qeghda ssib lill-imputat hati li kkaguna ferita hafifa fuq Antoine Saliba izda mhux hati li kkaguna ferita gravissima fuq l-istess Saliba u tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2).

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-hrug ta’ ordni ta’ trazzin fil-konfront tal-imputat li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaf-favur ta’ Antoine Saliba ghal zmien sentejn.

Billi ma jirrizultax li kien hemm nomina ta’ esperti l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghal ordni ta’ hlas ta’ esperti.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**